MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2003

Numru 266/2000

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)
vs
Alfred Xuereb

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Alfred Xuereb, detentur tal-karta tal-idenita bin-numru 138379(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli nhar id-29 ta’ Marzu 2000 ghall-habta ta’ l-10.30 a.m. u fil-gimghat ta’ qabel, gewwa Triq il-Merkanti il-Belt Valletta, fuq l-istand Nru 23 tas-suq miftuh maghruf bhala il-monti illicenzjata fuq ismu, iffalsifika, jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta’ industrija, jew xjentement, ghamel uzu ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid.

Talli fl-istess cirkostanzi, ghamel uzu, xjentement ta' marka, sinjal tabella, jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghu merkanzija, b'din il-marka jew emblema.

Talli fl-istess cirkostanzi, qieghed fil-kummerc, merkanzija li ghaliha giet irregistrata trade-mark distintiva, wara li nehha dik il-marka minghajr il-kunsens ta' sidha.

Talli fl-istess cirkostanzi, wahhal fuq merkanzija deskrizzjoni kummecjali falza, jigifieri, wahhal, iffalsifika jew biddel cifra, kelma jew marka illi skond l-uzu tal-kummerc tiswa biex turi, il-fatt illi l-merkanzija jkollha privattiva, privilegg jew jedd ta' proprjeta industrijali;

Talli fl-istess cirkostanzi, xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq.

Talli fl-istess cirkostanzi, xjentement ghamel, zamm ghandu, jew ittrasferixxa lil haddiehor konn, klixe, magna jew ghodod ohra sabiex jiffalsifikaw jew sabiex jigu wzati ghall-falsifikazzjoni ta' trademark, u dan ai termini tal-artikolu 298 (a), (c), (d), (e,iv), (f) u, (g), 299, 300, 301, 302(a), (b), (c), 303, 304 (a), (b), (c) u (d), 305, tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess cirkostanzi talli ghall-qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, iddupplika jew b'xi mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh qassam jew b'mod iehor offra ghall-bejgh jew qassam xi artikoli jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet, li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li ghandha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha. U cioe', Polygram Int. Music B.V., Sony Music International, BMG International, EMI Music International Services Ltd, Warner Music International, IFPI, MPA, AACT, rappresentati minn Association against Copyright theft, u Sony Computer Entertainment Europe rappresentati minn Forestals Appliances Ltd. u dan ai termini tal-artikoli 298B tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni titlob li f'kaz li l-imputat jinstab hati il-kwantita ta' Compact discs jigu ikkonfiskati jew / u distrutti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-imputat meta gie arrestat kien irrilaxxja stqarrija lill-pulizija illi fiha huwa kien stqarr illi huwa ibiegh bhala hawker fuq il-Monti il-Belt, ibiegh CDs u anke ukoll videos. Mistoqsi dwar id-data tad-29 ta' Marzu tas-sena 2000 meta l-pulizija ghamlet spezzjoni fuq il-karru tieghu u hadulu hamsin 'compact disc' li kienu jidhru li kienu foloz, huwa qal li dawn kienu taht il-karru, huwa firidhom minn max-xoghol l-iehor minhabba li ra li ma kienux ta' kwalita bhal l-orginali u ma kienx ser ibieghhom. Huwa qal illi inzerta zammhom taht il-karru ghaliex kellu xoghol gdid li ghazlu filghodu meta arma u kien qieghed jistenna li minghand min jixtri jigi u jehodhom. L-imputat qal lill-pulizija illi dak ix-xoghol hazin kienu bellghuhulu. Huwa qal illi huwa jahzen ix-xoghol tieghu f'garage San Giljan f'Church Street, u offra lill-pulizija li jmorru dak il-hin stess f'dan il-garage ghaliex huwa qal li ma kellux xoghol iehor falz. L-imputat qal lill-pulizija illi huwa kien dispost illi jikkoppera maghhom fl-investigazzjoni taghhom.

Illi fuq talba tal-Prosekuzzjoni l-Qorti hatret lil Ivan Formosa sabiex jezamina is-CDs illi gew elevati mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz u l-imsemmi espert ikkonkluda illi kien tal-opinjoni illi d-diski immarkati IF01 sa IF39 u IF42 sa IF56 ma kienux prodotti originali. Huwa qal illi dawn id-diski fihom xoghol u materjal inferjuri minn dawk

originali. Huwa kompla jghid illi d-diski IF40, IF41 u IF57 kienu prodotti originali.

Ikkunsidrat :

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-ewwel akkuza u cioe' dik ikkontemplata fl-Artikolu 298 (1)(a) tal-Kap. 9 ghandu jinghad illi l-mens rea huwa presunt sa kemm l-imputat ma jippruvawx illi hu agixxa minghajr mens rea, u dana ai termini tal-Artikolu 299 tal-Kap. 9.

Illi l-imputat ammetta li kien jaf illi s-CDs illi kellu taht it-tilar kienu foloz. Huwa qal illi isseparahom minn mal-ohrajn peress illi kien jaf li kienu foloz u sostna illi is-CDs illi kellu fuq it-tilar kienu kollha awtentici, kif fil-fatt kienu.

Illi pero' meta huwa irrilaxxja l-istqarrija tieghu lill-pulizija l-imputat qal illi huwa induna filghodu u cioe' qabel ma arma fuq il-monti illi s-CDs kienu foloz. Skond hu firidhom minn max-xoghol l-iehor, pero' ma dana kollu hallihom taht il-karru. Skond l-istess imputat huwa hallihom taht il-karru ghaliex kien qieghed jistenna li minghand min jixtri jigi u jehodhom.

Illi pero' mistoqsi minghand min xtrahom l-imputat baqa' ma tax spejgazzjoni u ghaldaqstant il-Qorti ma temminx il-verzjoni tal-imputat illi s-CDs foloz kienu taht il-karru bl-intenzjoni illi huwa ma ibieghhomx u ghaldaqstant il-Qorti tara illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-ewwel akkuza fil-konfront tal-imputat.

Illi dwar it-tieni akkuza u cioe' dik ikkontemplata fl-Artikolu 298(1)(c) tal-Kap 9 il-Qorti tara ghar-ragunijiet imsemmija aktar 'il fuq f'dan il-gudikat li l-Prosekuzzjoni wkoll irnexxielha tipprova din l-akkuza.

Illi fir-rigward tat-tielet akkuza u cioe' dik ikkontemplata fl-Artikolu 298(1)(d) tal-Kap. 9 ghall-istess ragunijiet il-Qorti tara illi l-Prosekuzzjoni wkoll irnexxielha tipprova din l-akkuza.

Illi ghal dak illi jirrigwarda ir-raba’ akkuza u cioe’ dik ikkontemplata fl-Artikolu 298(1)(e) tal-Kap. 9 il-Qorti tara li l-Prosekuzzjoni ma irnexxielhiex tipprova din l-akkuza u dana peress illi ma gie bl-ebda mod ipprovat illi kien l-istess imputat u mhux xi hadd iehor illi wahhal fuq il-merkanzija imsemmija deskrizzjoni kummercjali falza, jigifieri li wahhal iffalsifika jew biddel cifra, kelma jew marka illi skond l-uzu tal-kummerc tiswa biex turi il-fatt illi l-merkanzija ikollha privativa, privilegg jew jedd ta’ proprjeta industrijali u ghaldaqstant il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat fuq imsemmi minn din l-akkuza.

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-hames akkuza migjuba kontra l-imputat u cioe’ dik ikkontemplata fl-artikolu 298(1)(f) tal-Kap. 9, l-Artikolu 302 tal-Kap. 9 jghid illi l-intenzjoni tal-mens rea f’dan ir-reat hija presunta sa kemm l-imputat ma jippruvax illi huwa ha l-prekawzjonijiet kollha sabiex dan ir-reat ma jigix kommess u li ma kellu fil-hin meta gie kommess ir-reat l-ebda raguni sabiex jissuspetta illi l-oggett ma kienx genwin.  L-imputat ikun irid jipprova wkoll illi meta staqsewh il-membri tal-pulizija huwa tahom l-informazzjoni kollha dwar minghand min kien xtara l-oggetti in kwistjoni u hu irid jipprova wkoll illi huwa agixxa in buona fede.

Illi proprju f’dan il-kaz, kif diga intqal, l-imputat ma ta lill-pulizija l-ebda informazzjoni dwar minghand min kien xtara is-CDs iffalsifikati u mhux talli ma uriex illi ma hax prekawzjoni illi jikkommetti r-reati, talli minkejja l-fatt illi kien jaf illi kienu foloz huwa zammhom taht it-tilar meta rema fuq il-monti.

Illi l-imputat jghid hu stess illi huwa induna illi is-CDs kienu foloz qabel ma rema fuq il-monti.  Huwa seta’ facilment hallihom per ezempju fil-van u mhux hadhom fuq l-istore tieghu tal-monti u qeghdhom fit-tilar, illi kif qal tajjeb l-Ufficjal Prosekutur illi mexxa hafna kawzi simili, min jarma fuq il-Monti u jkun jaf li jkollu CDs foloz, jaf illi l-pulizija ta’ sikwit jaghmlu raids fuq il-monti sabiex proprju isibu dawn il-pirate CDs u huma ghalhekk jahbuhom taht it-tilar.

Ghaldaqstant l-imputat ammetta hu stess li kien jaf illi is-CDs kienu foloz, ammetta li kien jaf illi kienu foloz qabel ma rema' fuq il-Monti. Madanakollu hadhom fuq l-istall u hallihom taht it-tilar u ma ried jaghti l-ebda informazzjoni lill-pulizija minghand min huwa kien akkwista dawn is-CDs foloz u ghaldaqstant il-Qorti tara li din l-akkuza giet ukoll ippruvata mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputat.

Illi ghal dak illi jirrigwarda s-sitt akkuza u cioe' dik ikkontemplata fl-Artikolu 298 (1)(g) tal-Kap. 9 il-Qorti tara li l-Prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova din l-akkuza peress illi ma giex ippruvat illi kien l-istess imputat illi zamm ghandu, jew ittrasferixxa lil haddiehor magna jew ghodod ohra sabiex jiffalsifikaw jew jigu wzati ghall-falsifikazzjoni ta' trademark, u dan ai termini tal-artikolu 298 tal-ligijiet ta' Malta, ghaldaqstant il-Qorti tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-ahhar imputazzjoni migjuba kontra l-imputat, cioe' dik ikkontemplata fl-Artikolu 298(b) tal-Kap. 9, il-Qorti tara illi din l-akkuza ma tistax tigi ippruvata peress illi l-proceduri taht dan l-Artikolu, cioe it-298(b) tal-Kap. 9, ma jistghux jittiehdu hlief bil-kwerela tal-parte civile.

Illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tipproduci din il-kwerela u ghaldaqstant il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat minn din l-ahhar akkuza mibjuba kontra tieghu.

Illi in rikapitilazzjoni l-Qorti qeghda issib lill-imputat fuq imsemmi hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u tal-hames akkuzi migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah mir-raba', mis-sitt u mis-seba akkuzi migjuba kontra tieghu u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 298(1)(a), 298(1)(c), 298(1)(d), 298(1)(f) u 298(1)(g) tal-Kap. 9, kif ukoll l-Artikoli 299, 300, 301, 302, 303, 304 u 305 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ikkunsidrat ghal dak illi jirrigwarda il-piena l-fatt illi l-imputat fuq imsemmi ma ghandux fedina penali allarmanti u ghalhekk ma tarax illi piena karcerarja hija idoneja ghall-akkadut u ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 21 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 22 tal-Kap. 446

filwaqt illi tilliberah tobbligah illi ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kondizzjoni.

--------------------------------TMIEM--------------------------------